A.L. 186 ta' l-2003

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar *Income* minn Investiment

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikoli 32A, 41B u 96 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu. A.L. 51 ta' l-2002.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar *Income* minn Investiment, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2002 dwar *Income* minn Investiment, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali".

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "murija fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti." għandhom jidħlu the words "murija fi Skeda A li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.".

Iżid ir-regolament 3 ġdid mar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 3 ġdid li ġej għandu jiżdied mar-regolamenti prinċipali:

"Reġistrazzjoni ta' min iħallas.

3. (1) Kull min jassumi l-obbligazzjonijiet ta' min iħallas *income* ta' investiment wara d-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti għandu jirreġistra ismu għand il-Kummissarju fi żmien xahrejn mill-ġurnata meta, iżda mhux qabel ħmistax-il ġurnata minn meta, jsir il-ħlas attwali.

(2) Kull persuna oħra li tkun min iħallas *income* minn investiment għandha tirreġistra isimha għand il-Kummissarju fi żmien xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Ir-reġistrazzjoni msemmija f'dan ir-regolament għandha ssir fuq il-formola preskritta fi Skeda B li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.".

Iżid ir-regolament 4 ġdid mar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 4 ġdid li ġej għandu jiżdied mar-regolamenti prinċipali:

"Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni.

4. Meta l-Kummissarju jkun sodisfatt bir-reġistrazzjoni magħmula skond ir-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti, huwa għandu jikkonferma dik ir-reġistrazzjoni billi joħroġ Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni.".

Jissostitwixxi Skedi A u B minflok l-Iskeda li hemm mar-regolamenti prinċipali.

5. Minflok l-Iskeda li hemm mar-regolamenti prinċipali għandhom jidħlu l-Iskedi A u B ġodda li ġejjin li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti:-

"SKEDA A

(Regolament 2)

Kont ta' kull xahar li għandu jingħata lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni minn kull min iħallas income minn investiment

1. Isem u indirizz ta' min iħallas _____

_____

_____

2. Xahar li jtemm _____

3. Totali għal kull tip ta' *income* minn investiment speċifikat fl-artikoli 41(a) u 41A(a) ta' l-Att imħallas matul ix-xahar u totali ta' taxxa miżmuma fuq kull tip (skond ma japplika), speċifikat skond il-munita u b'distinzjoni bejn *income* minn investiment li joriġina f'Malta u *income* minn investiment li joriġina barra minn Malta, kif murija separatament bħala *income* minn investiment imħallas lil:

(a) fondi preskritti, kif imfisser fl-artikolu 41A(b) ta' l-Att, u li fuqhom tkun tnaqqset taxxa bir-rata ta' għaxar ċenteżmi fil-lira;

(b) fondi preskritti, kif imfisser fl-artikolu 41A(b) ta' l-Att, u li fuqhom tkun tnaqqset taxxa bir-rata ta' ħmistax-il ċenteżmu fil-lira;

(ċ) riċevituri resident f'Malta, li ma jkunux fondi preskritti, u li fuqhom tkun tnaqqset taxxa bir-rata ta' ħmistax-il ċenteżmu fil-lira;

(d) riċevituri resident f'Malta li, taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 35 ta' l-Att, għazlu li jitħallsu mingħajr ebda tnaqqis ta' taxxa;

(e) persuni mhux residenti f'Malta;

(f) persuna, li ma tkunx persuna mhux residenti f'Malta, li ma tkunx riċevitriċi kif imfisser fl-artikolu 41(ċ) ta' l-Att;

4. Taxxa totali rimborżata jew akkreditata lil riċevituri u li tkun ġiet imnaqqsa bi żball f'xi xahar li jkun ġie qabel, jew skond ma jkun awtorizzat mill-Kummissarju:

(a) kontijiet denominati skond il-lira Maltija;

(b) kontijiet denominati f'muniti oħra, skond ma jkun speċifikat għal kull munita.

5. Data _____

6. Firma _____

7. Isem sħiħ _____

8. Kariga _____

SKEDA B

(Regolament 3)



Dipartiment tat-Taxxi Interni

Reġistrazzjoni ta' kull min iħallas fuq* income *minn investiment

Jien, li qiegħed hawn taħt niffirma, qiegħed b'dan nirreġistra bħala min iħallas *income* minn investiment għall-finijiet tad-disposizzjonijiet dwar *income* minn investiment li hemm fl-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income,* u niddikjara li:

- Assumejt l-obbligazzjonijiet ta' min iħallas kif imfisser taħt id-Disposizzjonijiet dwar *Income* minn Investiment ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*;
- Naf bil-ħtiġiet kollha taħt l-Atti dwar it-Taxxa fuq l-*Income* għar-rigward ta' l-obbligazzjonijiet hawn qabel imsemmija; u
- Flejt il-kontenut ta' dan il-prospett u, safejn naf jien u skond ma jidhirli, dan huwa veru, korrett u komplet

1. Isem u indirizz ta' min iħallas _____
   _____
   _____

2. Numru ta' Reġistrazzjoni tat-Taxxa fuq l-*Income* _____

3. Numru ROC *(meta dan ikun japplika)* _____

4. Isem ta' l-Uffiċjal Prinċipali _____

5. Kariga _____

6. Firma _____

7. Data _____".